MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 324/2013

**Appell Nru: 324/2013**
**Il-Pulizija**
**[Spettur Gabriel Micallef]**
**Vs**
**Michael Daniel Xuereb**

Illum, 19 ta’ Frar, 2014
Il-Qorti,
Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Michael Daniel Xuereb, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 458001L, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:
Nhar it-3 ta’ Gunju, 2012 ghal-habta tal-20:56hrs minn gewwa l-lukanda Damiana li tinsab fi triq il-Hgejjeg, San Pawl il-Bahar:
1. Ikkommetta serq ta’ flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa jeccedi l-mitjen u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centenzmu (€232.94) izdamhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu

(€2,329.37) u dan ghad-detriment ta’ Mark J. Sammut u/jew persuni ohra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, mghotija fl-20 ta’ Gunju, 2013, fejn il-Qorti illiberat lil imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti fl-10 ta’ Lulju, 2013, fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellate u minflokissib lil apellat hati tal-akkuzi ta’ serq ikkwalifikat bil-persunau l-valur u teroga piena kontrih skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi fit-28 ta’ Gunju, 2013, l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza, hassu aggravate bihom u ghaldaqstant qieghed jintavola danl-umli a appel a bazi ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(b)(iv)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-aggraju jikkonsisti fil-fatt illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ghaddiet ghal-liberatorja tal-akkuzat ghax fid-decide rriteniet illi l-akkuzat ma kienx ifforma mens rea sabiex jikkommetti r-reat ta’ misappropriazzjoni! Dan huwa fil-fatt, bir-rispett kollu, l-ewwel zball ta’ l-Ewwel Onorabbli Qorti ghaliex l-akkuzat appellat qatt ma gie akkuzat b’misapproporiazzjoni izda kien akkuzat b’serq sic et simpliciter.

Illi l-esponent Avukat Generali jissottometti illi, mill-assjem tal-provi prodotti, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt legittimament u ragonevolment tasal ghal konkluzjoni li l-akkuzat ma kellux il-mens rea rikjesta mill-ligi, ghar-ragunijiet segwenti:

1. L-ewwel binarju li l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sserrah fuqu sabiex tillibera l-akkuzat huwa l-fatt illil-imputat ta’ sikwit kien jithallas qabel mill-cash li kien isib fir-reception u mbghad javza lill-employers sussegwentement! Illi jirrizulta b’mod car mid-deposizzjonijiet tax-xhieda illimeta l-impjegati kienu jinghataw xi flus kontanti qabel ma tidhlilhom il-paga, dawna kienu jinghataw permess minghand is-superjuri taghhom qabel ma dana l-arrangament jigi effettwat. Fil-fatt, fit-tielet pagna tad-depozizzjoni ta’ Carmen Portelli

insibu traskritt illi Carmen Portelli, l-propjetarja tal-Lukanda, xehdet “gieli talabniu tajtu xi flus minn qabel”. Il-Qorti staqsiet: “f’din l-okkazjoni talbek tali fakolta?”, u x-xhud kjarament wiegbet “le, ma talabnix”. Di piu`, fit-tieni pagna tad-deposizzjoni ta’ Mark Sammut insibu traskritt illi Mark Sammut, id-direttur tal-Lukanda, wiegeb ghad-domanda jekk hu kienx ta l-kunsens biex jitiehdu l-flus jew le: “Jiena ma nirranjax hemmhekk, Carmen tiehu hiseb. Jiena no”. L-istqarrija fermata tal-akkuzat a fol. 10 tikkorrobora x-xhieda ta’ Carmen Portelli u Mark Sammut ghaliex l-akkuzat appellat jistqarr: “Qabel kienu hallewni ghax kont staqsejthom minn qabel, imam din id-darba ma staqsejtx biex niehu”. Ghaldaqstant, ghad-differenza minn kif rritjeniet l-Ewwel Onorabbbli Qorti, jirrizulta b’mod car illi ma kien hemm l-ebda prassi li l-impjegati jaqdu u jiehdu l-flus mill-Lukanda minghajr awtorizazzjoni precedent;

2. It-tieni raguni elenkata fis-sentenza hija “il-fatt illi ghaddew biss ftit sieghat minn mindu l-akkuza ha l-cash wara li spicca x-xoghol tard filghaxija, u l-ghada filghodu meta huwa dahal ghax-xoghol”. Illi bir-rispett kollu, il-fatur tat-trapass tal-hin m’ghandux jimmilita fuq jekk kellix tinstab hija o meno, aktar u aktar meta wiehed iqis il-fatt illi:

- Is-serqa saret fit-3 ta’ Gunju, 2012 kif inhu kjarament rifless fl-akkuza, meta l-akkuzat kien temm il-hin tas-sahra tieghu u rtira lejn daru, u sussegwentement rritorna fuq il-post tax-xoghol meta kien hemm kollega iehor receptionist on-duty;
- L-akkuzat dahal fir-reception area jiehu ammont sostanzjali ta’ kontanti mir-reception desk minghjar ma hass il-htiega li jinforma lill-kollega on-duty, liema kollega dak il-hin kien il-pussessur tal-flus;
- L-ghada tard filghodu, l-propjeta tal-Lukanda ghamlet rapport l-Ghassa u l-Pulizija arrestaw lir-receptionist li ien on-duty il-lejl ta’ qabel, filwaqt li d-dirigenti tal-Lukanda bdew il-proceduri ta’ tkeccija fil-konfront ta’ dan l-impjegat kollega ta’ Xuereb;
- Meta d-dirigenti tal-lukanda ghaddew ic-CCTV footage tat-3 ta’ Gunju, 2012 lill-Puliizaj, l-Ispettur induna li l-footage kien jidher l-akkuzat appellat Michael Daniel

Xuereb jiehu l-flus u jitlaq, u b’dana informa lid-dirigenti tal-lukanda;

- Id-dirigenti tal-lukanda affaccaw lill-akkuzat appellat bic-CCTV footage, u f’dak il-hin, f’salt, Michael Daniel Xuereb hass il-htiega li jinforma lis-superjuri li kien ha ammont ta’ flus mir-reception desk!

Illi bir-rispett kollu, huwa totalment irrelevanti kemm kien ghadda hin msakemml-akkuzat Xuereb stqarr it-tehid tal-flus. Minn tali esposizzjoni tal-fatti jirrizulta car kemm fil-fatt, Xuereb agixxa in bad faith;

3. Il-Qorti tal-Magistrati ssostni li l-imputat kien ghal xi zmien impjegat ma’ din is-socjeta’ qabel u ghalhekk kien jaf is-set up tal-kameras tas-sigurta’ u ghalhekk konxju li meta huwa ha l-flus mill-kexxun dan kien jigi rrekordjat. X’setgha kien jaf, u xi prekawzjonijiet setgha ha, huma suppozizzjonijiet li l-ewwel Onorabbli Qorti bir-rispett kollu ma kelliex ghaliex tintilef fuqhom, ghaliex l-akkuza kienet ta’ serq u l-ezercizzju li kellha taghmel il-Qorti tal-Magistrati kien li tara jekk kienx hemm l-elementi kollha ta’ dan ir-reat. Illi fis-sentenza moghtija mill-Onor. Imhallef Vincent De Gaetano, nhar l-10 ta’ Lulju, 1998, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Martin Dimech, il-Qorti tal-Appell Kriminali elenkat l-elementi kollha tar-reat tas-serq u cioe`:

- L-impossessament;
- Illi l-oggett ikun propjeta’ ta’ haddiehor;
- Konsapevolezza fl-agent li qed jiehu l-oggett ta’ haddiehor;
- Minghajr il-kunsens tas-sid jew tal-pussessur tal-istess oggett u
- Bil-hsieb ta’ gwadann

Harsa hafifa lejn l-atti processwali turi kif dawna l-hames elementi gew ppruvati mill-prosekuzzjoni fil-kaz odjern, ‘l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni;

4. Ir-raba’ raguni elenkata fis-sentenza hija l-fatt illi l-imputat ammetta mmedjatament x’hin dahal ghax-xoghol l-ghada filghodu li kien hu li ha dawn il-flus u li huwa ma setghax bhas-soltu javza lill-employer b’dak li kien ghamel ghaliex meta huwa ha l-flus kien tard filghaxija. Illi bir-rispett kollu, Michael Daniel Xuereb kellu hafna mezzi ghad-dispozizzjoni tieghu kieku ried jinforma lil xi hadd: setgah halla nota bil-miktub, setgha bghat sms lid-direttur

Sammut – b'hekk jew hekk kienu ghadu d-disgha ta' filghaxija kif jidher car mill-arlogg tar-reception fil-footage esebit – u wara kollox fir-raba pagna tad-depozizzjoni tieghu, hu stes qal illi kellu relazzjoni eccellenti mad-direttur u l-familja tad-direttur tant li jirreferi ghailhom bhala "hbieb ta' missieri dawn, hbieb tal-familja generali jigifieri. Gieli hrigna nieklu maghhom, mistednin ghandhom". Allura, l-esponent Avukat Generali jistaqsi kif, imam kif meta kellu tant kunfidenza mad-Direttur, Xuereb ma bghattlux messagg biex jitlob l-kunsens qabel ma jiehu l-impossazzjoni tal-flus, propjeta` ta' haddiehor, biex igawdi minn tali flus, meta kien jaf li dawk il-flus ma kienux tieghu?

5. Il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali taghlaq il-lista tar-ragunijieg taghha, billi ssemmi l-fatt illi l-akkuzat ikkopera bis-shih mal-awtoritajiet investigattivi u ammetta minnufih l-involviment tieghu. Illi bir-rispett kollu, l-fatt illi l-akkuzat gab ruhu b'mod tajeb meta kien investigat u li ammetta meta kien affaccjat bic-CCTV recording, ma kellux jimmilita favur tieghu billi ma tinstabx htija, bhalma lanqas ma huwa argument validu, l-fatt illi r-rifurtiva giet rikoverata, meta nzammitlu l-ahhar paga li l-akkuzat appellat kellu jithallas;

Ikkunsidrat.

Illi ma hemmx kontroversja ghal dawk li huma l-fatti ta' dan il-kaz. Fl-4 ta' Gunju, 2012 il-pulizija ta' l-ghassa tal-Qawra rcivew rapport illi fil-jum precidenti xi hadd kien seraq ammont ta' flus kontanti fl-ammont ta' €2738 mir-reception tal-Lukanda Damiani. Mil-investigazzjonijiet tal-pulizija rrizulta illi l-appellat li kien impjegat ma din il-lukanda, kien involut f'dan it-tehid tal-flus u meta kkonfrontat bis-CCTV footage mid-dirigenti tal-lukanda, huwa qal li kien ha "cash in advance" minghajr ma kien talab permess. Konsegwentement inbdew il-proceduri odjerni fil-konfront tieghu.

B'Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-20 ta' Gunju, 2013 l-appellat gie liberat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu, l-Avukat Generali hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell peress illi dehrlu illi

mill-provi prodotti l-ewwel Qorti ma setghet qatt legittimament u ragunevalment tasal ghal konkluzjoni illi waslet ghaliha, anzi l-provi kienu jindikaw mod iehor.
Ikkunsidrat.
Irrizulta illi l-appellat Michael Daniel Xuereb kien jahdem bhala receptionist fil-Lukanda Damiani, jidher illi kien hemm certa familjarita bejn l-appellat, il-familja tieghu u d-dirigenti tal-lukanda u kien hemm prassi illi l-haddiema setghu jitolbu lid-dirigenti avvanz ta’ xi ammont ta’ flus mill-paga taghhom. Id-dirigenti tal-lukanda ma kienux joggezzjonaw ghal din it-talba u kienu jivversaw ammonti ta’ flus kif mitluba lil haddiema taghhom u mbaghad jitnaqsu mill-paga. Darba minnhom l-appellat ried jiehu xi flus in avvanz tal-paga tieghu u minghajr ma saqsa lil hadd wara illi spicca it-turn tax-xhift tieghu, dahal lura fil-lukanda u meta r-receptionist ma kienx prezenti wara l-bank acceda wara l-bank, fetah kexxun u ha l-ammont ta’ flus indikat precidentament, b’dan ma avza lil hadd, sadanittant dan l-agir qieghed jigi recorded bis-CCTV cameras. L-ghada u f’xi zmien meta d-dirigenti tal-lukanda ndunaw illi naqsu l-flus, issuspetti taghhom waqghu fuq ir-receptionist illi kien hemm dak il-lejl, ghamlu rapport lill-pulizija u dan ir-receptionist gie arrestat. Meta l-pulizija kienu qeghdin jaraw is-CCTV footage gie identifikat l-appellat u sussegwentement gew infurmati d-dirigenti tal-lukanda illi nfaccaw lill-appellat li mall-ewwel ammetta illi l-flus kien hadhom hu u qal illi kien behsiebu jinforma lill-lukanda b’dan biex ibaghad inaqsu t-tehid mil-ammont ta’ paga illi kien imiss.

L-ewwel Qorti lliberat lill-appellat ghax qieset il-prassi qalb il-haddiema tal-lukanda kien propju dak illi jiehdu ammont ta’ flus biex imbaghad jigu mnaqqsa mill-paga taghhom, qieset ukoll li kien hemm rapport familjari bejn l-appellat u l-familja tieghu u d-dirigenti tal-lukanda u l-fatt illi l-appellat ammetta mall-ewwel u qal illi dejjem kellu hsieb illi jirritorna dawk il-flus. Din il-Qorti pero’ mhijiex konvinta illi l-agir ta’ l-appellat huwa daqshekk innocenti u jidhrilha illi l-elementi kollha tas-serq, mhux misapropiazzjoni kif issuggeriet l-ewwel Qorti jezistu f’dan il-kaz.

L-appellat dahal lura fil-lukanda meta spicca x-shift tieghu u ha dawk il-flus f'mument meta r-receptionist ta' dak il-hin ma kienx wara l-bank biex b'hekk hadd ma kien sejjer jiddisturbah b'dan it-tehid, ghad illi forsi jista jkun illi l-appellat kien jaf illi kien qed jigi rekordjat fuq CCTV cameras. Ma kien hemm xejn x'jimpedixxi lill-appellat milli dak il-hin jinforma lir-receptionist illi kien qed jiehu dawn il-flus, bhal ma kien hemm xejn x'jinpedixxi lill-appellat illi jinforma lid-dirigenti tal-lukanda stante l-familjarita ta' bejniethom anke permezz ta' telefonata jew SMS illi kien qieghed javvanza xi flus mill-paga tieghu. Terga u tghid, ma kienx l-appellat illi "di proprio" l-ghada nforma lid-dirigenti bit-tehid tal-flus, imma kienu l-istess dirigenti wara li kienu nfurmati mir-rizultti tas-CCTV cameras li nfaccaw lill-appellat b'dak illi kien gara u kien hawnhekk illi l-appellat ammetta mall-ewwel illi kien hu li ha l-flus. Ghalhekk, li kieku l-animu ta' l-appellat kien verament innocenti jew in buona fede, l-ewwel nett kien javza lir-receptionist on duty illi kien qed jiehu l-flus. Jekk dan ma kienx prezenti jew ma setax ikun prezenti seta' halla nota fl-istess cash u jindika illi kien qieghed jiehu l-flus, ma nfurmax lid-dirigenti tal-lukanda dak il-hin jew ftit wara illi kien ha l-flus imma kellu jigi nfaccat mill-istess dirigenti u muri l-filmat tas-CCTV biex fl-ahhar ammetta t-tehid tal-flus. Dawna kollha jindikaw li l-"contratazzione" ma kienx daqshekk innocenti u kellu jitqies bhala doluz.

Ma hemmx dubju, illi l-appellat ghamel gwadan b'dan it-tehid ta' flus ghad illi sussegwentement gew refuzi peress illi l-lukanda naqset l-ammont mill-paga li kien dovut lill-appellat. Ghalhekk l-elementi kollha tas-serq kif imfissra mill-awtur Carrara u adoperati minn din il-Qorti gew sodisfatti. Il-Carrara jghallem illi s-serq huwa *"la contrattazzione doloza di cosa altrui fatta invito domine con l'animo di farne lucro"* . L-appellat ha dawn il-flus meta ma kienx intitolat ghalihom minghar il-kunsens tas-sid bil-hsieb li jaghmel gwadan minnhom. L-animu ta' l-appellat ikompli johrog mix-xhieda ta' l-istess appellat meta mistoqsi mill-Ispettur l-ghada li dahal ghax-xoghol qalilhomx illi ha l-flus, l-appellat wiegheb "*kif qaluli fuqha iva*". Bid-dovut rispett, l-appellat li kieku kien in buona fede, ma kienx ihalli lid-dirigenti tal-lukanda l-ewwel

jistaqsuh jew jinfaccawh bil-filmat tas-CCTV cameras, imma l-appellat messu mall-ewwel indika li kien hu li ha l-flus hekk kif dahal lura l-lukanda minghar ma qaghad jistenna li jigi nfaccat b’dan l-incident.

Ghalhekk din il-Qorti issib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha ma setghetx legalment u ragunevolment tasal ghall-liberatorja ta’ l-appellat u kellha minflok issib htija.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa l-appell ta’ l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-Sentenza appellata u wara li rat l-Artikoli 261(c) (d), 267, 268 (d), 279, u 280 (1) tal-Kodici Kriminali ssib lill-appellat Michael Daniel Xuereb hati ta’ l-akkuza migjuba kontra tieghu, tikkundannah ghal piena ta’ prigunerija ta’ zmien sena, b’dana pero’ wara li rat l-Artiklu 28A tal-Kodici Kriminali tordna li dan it-terminu jkun sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------